MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 964/2005

**David Jones bhala Managing Director u in rapprezentanza tas-socjeta` Valfracht Shipping Company Limited**

**vs**

**Direttur Qrati Civili u Tribunali, Sea Malta Company Limited, Joseph Curmi f'ismu proprio u Vivian Bianchi f'ismu proprju kif ukoll bhala Chairman u in rapprezentanza tas-socjeta` Bianchi & Sons Limited, u Alfred Pollacco ghal kull interess li jista` jkollu in kwantu hu kien ukoll qed jidher bhala Direttur in rapprezentanza tas-socjeta` attrici fil-bidu tal-kawza qabel ma kien irrizenja bhala Direttur, kif ukoll ghal kull interess li jista` jkollhom l-avukati Professur Dottor Ian Refalo, Dottor Joseph Schembri, Dottor Anthony H. Farrugia, Il-Prim'Imhallef Emeritus Professur Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici, l-Onor Imhallef Dottor  Joseph Galea Debono, Dottor Antoine Fiott u Dottor Albert Ganado u l-Prokuratur Legali**

**Edgar Montanaro, il-Prokuratur Legali Carmen Depasquale u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors datat it-12 t'Ottubru, 2005, li permezz tieghu r-rikorrenti nomine sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi fid-data ndikata fl-ewwel paragrafu tal-imsemmi rikors gie affermat li l-Qorti tal-Appell ikkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Kummerc hemm ukoll indikata li kienet fl-ismijiet David Jones et nomine vs. l-Avukat Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici nomine et;

2. Illi fl-istess sentenza finali kien ukoll ordnat li l-ispejjez rigwardanti l-appell interpost mill-attur nomine kellhom ikunu a karigu tal-istess attur nomine, filwaqt li l-ispejjez tal-appell ta' Vivian Bianchi nomine kellhom jibqghu a karigu tal-istess Vivian Bianchi nomine;

3. Illi sussegwentement inharget it-taxxa opportuna li kienet notifikata lir-rikorrenti nomine b'ittra ufficcjali skont il-ligi;

4. Illi din il-kawza hi proprju ndirizzata in kontestazzjoni tal-imsemmija taxxa billi hi allegatament "manifestement erroneja u zbaljata w mhux ibbazata fuq il-ligi", (ara fol 2), u dan minhabba s-segwenti:

i. Illi l-kawza in dizamina, fiz-zewg istanzi fuq riferiti, **x'aktarx** gew intaxxati fuq il-valur ta' miljun Lira Maltija, (LM1,000,000.00);

ii. Illi hu allegat li l-Qorti qatt ma ghaddiet pero`, biex tillikwida d-danni stante li tali talbiet kienu michuda fl-istadju tal-appell;

iii. Illi hu allegat ukoll li fil-hrug tat-taxxa de quo ma jirrizultax li saru d-distinzjonijiet rikjesti mit-

Tariffi A u E ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 12 u fl-Avvizi Legali citati, (ara fol 2);

iv. Illi stante li l-kawza originali kienet ghal valur indeterminat din ma kellhiex tigi ntaxxata bil-mod kif kienet intaxxata, u jekk dan sar fuq l-iskorta ta' precedent, dan kien ultra vires u abbuziv;

5. Illi ghal dak li jirrigwarda d-dritt tal-avukati nvoluti fl-appell qed jigi allegat li t-taxxa li kellha tkun uzata kellha tkun dik naxxenti mill-paragrafu 4 (2) u (3) tat-Tariffa A, ntrodotta bl-Avviz Legali 142/2000, kif emendat;

6. Illi ghal dak li jirrigwarda d-dritt tar-Registru qed jigi allegat li t-taxxa li kellha tkun uzata kellha tkun dik naxxenti mill-paragrafi 15 (a) u 27 tat-Tariffa E tal-Avviz Legali 121/1996, kif emendat;

7. Illi r-rikorrenti nomine jirrileva li l-imsemmija Avviz Legali riferiti fiz-zewg paragrafi precedenti jistipulaw x'ghandhom ikunu d-drittijiet li ghandhom jithallsu meta l-valur f'kawza jibqa' indeterminat u, x'ghandhom ikunu d-drittijiet tar-Registru meta l-valur ma jaqbizx il-mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), ghal kull dikjarazzjoni;

8. Illi di piu`, stante li eventwalment il-konvenuti nvoluti f'dawk il-proceduri kienu liberati, allura kellu jkun applikabbli nofs id-dritt dovut, u dan, a bazi tal-paragrafu 27 tat-Tariffa E fuq gia` riferita;

9. Illi konsegwentement it-talbiet kontenuti fic-citazzjoni in dizamina kellhom jigu ntaxxati mhux "ad valorem" izda ai termini tal-artikolu 9 tat-Tariffa A fuq riferita, bhala dikjarazzjonijiet;

10. Illi di piu`, ghal dak li jirrigwarda d-dritt tar-Registru, t-tariffa operattiva kellha tkun dik naxxenti mill-paragrafu 22 tat-Tariffa E fuq indikata;

11. Illi ghal dak li jirrigwarda l-avukati u prokuraturi legali, id-dritt dovut kellu jkun a bazi tal-Avviz Legali 102/1980 kif emendat;

12. Illi finalment, id-dritt tar-Registru wara s-sentenza tal-appell, kellu jkun a bazi tal-paragrafu 4 (2) u (3) tat-Tariffa A fuq indikata u tal-avukati, a bazi tal-paragrafu 15 (a) u 27 tat-Tariffa E fuq ukoll gia` ndikati;

13. Illi ghandu jinghad ukoll li jirrizulta li l-ammont indikat fil-Mandati konsegwenzjali ghall-proceduri nvoluti kienu gew ridotti mill-Qorti tal-Kummerc b'digriet taghha datat is-26 ta' Frar, 1988, minn miljun Lira Maltin, (LM1,000,000.00), ghal tmenin elf Lira Maltin, (LM80,000.00), u li allura dan l-ahhar ammont kellu jittiehed bhala l-ammont attwalment **in kontestazzjoni**, u li allura t-taxxa kellha tkun ibbazata fuq dan l-istess ammont;

14. Illi di piu`, gie allegat ukoll li ghalkemm ir-Registratur, fil-kazijiet li jinvolvu ammont indeterminat, kien preventivament jitlob lill-partijiet biex jindikawlu ammont li huma jistghu jaqblu fuqu biex jigu evitati problemi bhal dik riskontrata fil-vertenza odjerna, jirrizulta li dan ma sarx f'din l-okkazjoni, anke allegatament wara insistenza ndebita biex dan ma jsirx;

15. Illi in oltre, jigi allegat ukoll li ma giex intaxxat l-appell incidentali nvolut u allura, it-taxxa meritu ta' din il-procedura hi effettivament inkompleta;

16. Illi finalment, hu allegat ukoll li ghad hemm xi eccezzjonijiet li ghad iridu jigu ntaxxati;

Illi in vista tal-premess, ir-rikorrenti nomine jitlob lil din il-Qorti s-segweni:

1. Illi tiddikjara nulla, irritwali w inattendibbli t-taxxa meritu ta' din il-procedura rilaxxata mill-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali stante li mhix ibbazata fuq ligi u hi "skorretta erronea u monka";

2. Illi tordna lill-imsemmi Direttur biex jirrilaxxa taxxa gdida bbazata fuq dikjarazzjoni ta' fatt jew ta' dritt ai termini minnu ndikati fil-paragrafu numru 2 tar-rikors promotur;

3. Illi "in subsidium", li l-imsemmi Direttur ma jirrilaxxax taxxa jekk ma jkollux dikjarazjzoni tal-valur rigwardanti t-talbiet minghand il-partijiet kollha nvoluti;

4. Illi "in subsidium" ulterjuri ghal dak mitlub fil-paragrafu precedenti, jekk kemm –il darba jigu ntaxxati xi talbiet "ad valorem" a bazi tal-mandati kawtelatorji, dawn ghandhom jigu ntaxxati fuq il-valur ridott mill-isess Qorti tal-Kummerc ai termini tad-digriet taghha tas-26 ta' Frar, 1988, fl-ammont ta' tmenin elf Lira Maltin, (LM80,000.00);

5. Bl-ispejjez kontra l-imsemmi Direttur;

Rat ir-risposta tal-intimat Professur Ian Refalo datata l-24 t'Ottubru, 2005, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti nomine huma nfondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

2. Illi t-taxxa meritu ta' din il-procedura nhadmet korrettement, a bazi ta' dak li rrizulta fil-process u allura ma hemm ebda lok ghal ritassa;

3. Illi l-ammont ta' miljun Lira Maltija, (LM1,000,000.00), rikjamat kien kemm rikjamat mir-rikorrenti nomine stess u kemm –il darba issa jsostni li dan ma kienx minnu, jfisser li abbuza mill-process gudizzjarju;

4. Illi di piu`, ir-rikorrenti nomine ghaddielu z-zmien biex ikun jista' jitlob ritassa;

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Imhallef Dottor Joseph Galea Debono, illum irtirat, datata l-1 ta' Novembru, 2005, li permezz taghha wiegeb sintetikament is-segwenti:

1. Illi jaderixxi mat-talba tar-rikorrenti nomine;

2. Illi jaqbel mal-motivazzjonijiet esposti mill-istess rikorrenti nomine;

Rat ir-risposta tas-socjeta` Sea Malta Company Limited datata l-14 ta' Novembru, 2005, li permezz taghha wiegbet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti nomine huma nfondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

2. Illi t-taxxa meritu tal-kawza hi korretta;
3. Illi kien ir-rikorrenti nomine stess li ntavola mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' miljun Lira Maltin, (LM1,000,000.00);

4. Illi finalment it-talba tal-istess rikorrenti nomine hi "fuori termine";

Rat ir-risposta ta' Vivian Bianchi u Bianchi J. Sons Limited datata t-30 ta' Jannar, 2006, li permezz taghha sintetikament wiegeb ghat-talbiet rikorrenti bil-mod segwenti:

1. Illi t-taxxa in dizamina kellha tigi kkalkolata "ad valorem" u mhux bhala punt ta' ligi;

2. Illi l-ammont li fuqu hi bbazata t-taxxa nkriminata kien indikat mill-istess rikorrenti nomine odjern fil-mandat ta' sekwestru minnu vantat;

3. Illi mhux minnu li l-valur in kontestazzjoni, kien dak ta' tmenin elf Lira Maltin, (LM80,000.00), u in effetti s-socjeta` rikorrenti qatt ma rriduciet il-pretensjoni originali taghha fl-atti tal-procedura nkriminata;

4. Illi d-dikjarazzjoni curjali rigwardanti l-ammont fil-kawza in dizamina ma jaffettwa xejn l-intaxxar tal-istess procedura;

5. Illi ma jirrizultax li s-socjeta` odjerna rikorrenti qatt irriduciet l-ammont meritu tal-procedura issa minnha nkriminata;

Rat ir-risposta tal-Avukat Dottor Joseph Schembri datata t-30 ta' Jannar, 2006, li sintetikament tirrispekkja r-risposta fuq riferiti senjatament:

1. Illi stante li t-taxxa in dizamina nhadmet a bazi tal-ligi, ma hemm l-ebda lok ghal ritassa;

2. Illi kien l-istess rikorrenti nomine li stabbilixxa unilateralment l-ammont li issa qieghed jirrekrimina u li jekk jigi ritenut mod iehor dan ikollu l-effett li kien attwalment qed jinganna lill-Qorti u jabbuza mill-process gudizzjarju;

3. Illi nonostante li r-rikorrenti nomine kien debitament notifikat bit-taxxa in dizamina, kien biss fil-fazi tal-Appell li hu talab il-"cautio iuratoria";

Rat ir-risposta konciza tal-intimat Avukat Dottor Albert Ganado datata l-5 ta' Mejju, 2006, u tal-Prokuratur Legali Carmen Depasquale datata s-16 ta' Mejju, 2006, li permezz taghha sintetikament irrispondew is-segwenti:

1. Illi jirrimettu ruhhom;

2. Illi m'ghandhomx jehlu spejjez;

Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali datata l-1 ta' Novembru, 2007, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hi nulla stante li l-procedura giet intavolata kontra Registratur tal-Qorti – nomenklatura li mhix aktar kontemplata fil-ligi;

2. Illi di piu`, il-procedura odjerna hi preskritta ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap 12;

3. Illi fil-meritu, it-taxxa in dizamina nhadmet b’mod korrett;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti nomine datata l-4 ta’ Gunju, 2008, fejn talbet korrezzjoni biex kull fejn jidher il-kliem “Ir-Registratur tal-Qrati u Direttur Generali tal-Qrati” dawn jigu sostitwiti bil-kliem “Direttur Qrati Civili u Tribunali”;

Rat ir-risposta ghall-imsemmija talba tal-abbli rapprezentanti legali kkoncernat, li ddikjara li ma kienx qed jopponi ghall-istess u li kien ukoll qed jaghti ruhu b’notifikat bil-rikors kif korrett;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta tal-4 ta’ Gunju, tal-2008, li permezz tieghu laqghet it-talba tar-rikorrenti nomine u ordnat il-korrezzjoni mitluba;

Illi jigi rilevat li superat l-imsemmi ostakolu, l-istess abbli rapprezentant legali tal-intimat ikkoncernat irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Illi tenut tas-suespost, ir-rapprezentant legali tas-socjeta ntimata Bianchi Shipping & Trading Limited, tat ruhha b’notifikata bir-rikors kif korrett;

Rat in-nota tar-rikorrenti nomine datata l-20 ta’ Mejju, 2009, li permezz taghha:

1. Ipprezenta zewg dokumenti rispettivament elenkati bhala Dok V1 u Dok V 2;

2. Talab li t-tieni eccezzjoni sollevata, issa mid-Direttur Qrati Civili u Tribunali, ghandha tigi rtirata – senjatament, dik rigwardanti l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota tal-konvenut avukat Dottor Joseph A. Schembri datata s-16 ta’ Marzu, 2012;

Ezaminat ix-xhieda prodotta mismugha mill-istess qorti diversament preseduta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Tiddikjara li l-intimati rimanenti huma in kontumacja;

Tiddikjara wkoll li issa qieghda finalment f'pozizzjoni li tghaddi ghall-fazi finali decizorja ta' dan il-process;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament hi fid-dover tissottolinea s-segwenti:

1. Illi wara rikors appozitu tal-abbli rapprezentant legali tal-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali datat it-8 ta' Marzu, 2007, dan jirrizulta li talab lill-qorti diversament preseduta biex tigi koncessa lilu l-possibilita` li jipprezenta r-risposta ghan-nom tal-istess Direttur fuq indikat u dan, ai termini tal-artikolu minnu citat fl-istess rikors tieghu;

2. Illi in vista tal-istess, wara li ezaminat anke l-veduta tar-rikorrenti nomine, kif espress fir-rikors tieghu tat-8 t'Ottubru, 2007, permezz tad-digriet taghha tad-9 t'Ottubru, 2007, il-qorti kif diversament preseduta awtorizzat lid-Direttur intimat;

" … sabiex jipprezenta r-risposta … fi zmien gimgha minn-notifika ta' dan id-digriet", (ara fol 48);

3. Illi wara li ezaminat ir-riferti de quo jirrizulta li d-Direttur in dizamina kien innotifikat fit-9 ta' Ottubru, 2007, stess u r-rapprezentant legali tieghu kien innotifikat l-ghada l-10 tal-istess xahar hawn indikat;

4. Illi jirrizulta pero` li r-risposta hekk awtorizzata biex tigi pprezentata tardivament – senjatament fl-1 ta' Novembru tal-2007 u dan kien minghajr gustifikazzjoni legittima u legali, kif ukoll minghajr id-debita awtorizzazzjoni curiali skont il-ligi;

5. Illi din il-laxkezza procedurali mhix konsona ghas-serjeta` mehtiega fi process gudizzjarju – molto piu`

meta din tirrizulta mill-istess awtorita` amministrattiva li r-responsabbilita` principali taghha hi li effettivament tkun ta' ezempju fir-rigward tal-agir taghha lejn l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;

6. Illi ghalhekk it-tardivita` riskontrata ta' tali personagg mhux tollerabbli u ghandha tigi censurata fl-ewwel opportunita` gia` la darba din l-inerzja baqghet ghaddejja minghajr hadd mill-partijiet involuti ma jindenja ruhu, ghal xi raguni jew ohra, jiccensuraha;

7. Illi ghaldaqstant, stante li r-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali hi tardiva u li dan ma jidhirx li b'xi mod gie legalment gustifikat, tordna li r-risposta tal-istess Direttur datata l-1 ta' Novembru, 2007, tigi sfilzata;

Ikkunsidrat:

Illi fil-mertu din il-vertenza tista' tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi wara d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tad-19 t'April, 2005, ir-Registru tal-Qorti intaxxa l-procedura a bazi ta' miljun Lira Maltin, (LM1,000,000.00);

2. Illi dan sar stante li precedentement, ghall-bidu tal-procedura de quo, anke in prim'istanza, l-istess rikorrenti kien liberament intavola l-mandat ta' sekwestru, fuq indikat, fl-istess valur illum skrutinat;

3. Illi jirrizulta pero` li meta l-vertenza kienet curialment skrutinata mill-Qorti tal-Kummerc li dak iz-zmien kienet fortunatament ghadha vigenti, din iddekretat li l-meritu tal-kawza kellu minflok jigi ridimenzjonat fl-ammont ta' tmenin elf Lira Maltin, (LM80,000.00), biex b'hekk jigi ripristinat il-principju tal-proporzjonalita` riskontrata f'dawk l-atti u b'hekk ma jithalla hadd jabbuza mill-liberta` tal-azzjoni koncessa mill-ligi tal-procedura;

4. Illi allura r-rikorrenti nomine qieghed sintetikament jargumenta li t-taxxa kif inizjalment rilaxxata mir-Registru kellha tkun ibbazata fuq dan l-ahhar ammont hekk indikat u mhux fuq dak originalment liberament indikat minnu stess fil-mandat li effettivament kien il-veru bidu ta' din is-saga legali kollha;

Ikkunsidrat:

Illi wara li hasbet fit-tul fir-rigward ma tistax hlief li tavalla t-tezi tal-intimati u dan ghall-inqas, ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-limitu procedurali stabbili mir-rikorrenti nomine hawn skrutinat gie liberament deciz esklussivament minnu;

2. Illi din id-decizjoni hekk bikrija mhix xi decizjoni purament akkademika – hi in effetti wahda li targina l-kontestazzjoni ghall-fatti riskontrati u mhux biss;

3. Illi di piu`, peress li l-intimati kolpiti setghu jsibu ruhhom kolpiti fl-ammont indikat fil-mandat in dizamina – liema ammont kien kopjozament wiehed pezanti, forsi anke esagerat – izda zgur tenut kont tal-fatt li meta l-qorti ta' prim'istanza ezaminat il-vertenza, sabet minn jeddha li dan ma kienx jirrispekkja r-realta` processwali izda kien wiehed ezagerat u punittiv u allura in vista anke tat-trapass konsiderevoli ta' zmien, il-prim'istanza fuq indikata hasset li kellha tintervjeni u targina l-ezagerazzjoni riskontrata ghall-livell li effettivament aktar jirrispekkja r-realta` processwali riskontrata;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta li fil-fatt ir-rikorrenti jrid li juzufruwixxi minn beneficcju doppjament favorevoli ghalih senjatament li minn naha wahda jiffriza l-assi tal-intimati waqt li jiffoka l-kanuni tieghu fuqhom f'ammont li rrizulta li kien kemm ezagerat kif ukoll kummercjalment saffokanti ghalihom, u

minn naha l-ohra jibbenefika minn pagamenti ridotti minnu dovuti amministrattivament ghall-procedura minnu inizjata;

Illi in effetti, tenut kont tar-riduzzjoni deciza mill-prim'istanza a tempo vergine, jirrizulta li effettivament ir-rikorrenti nomine abbuza mill-istess process gudizzjarju in dizamina billi uza d-dritt tieghu t'azzjoni biex jghakkes lill-avversarji tieghu indebitament u ferm aktar mid-dovut, u b'mod sproporzjonat – haga li kemm ghal qorti ta' prim'istanza fuq indikata u kemm ghal din il-qorti kif preseduta, hi mhux biss ripunjanti u odjuza, izda tattira l-intervent penali xieraq fir-rigward – haga li sfortunatament l-ordinament guridiku lokali ghadu, kuntrarju ghal ordinamenti ohra progrediti, ma jikkontemplax;

Ikkunsidrat:

Rat ukoll l-artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur;

2. Illi t-taxxi minnu maghmula ma jistghux jigu attakkati **wara li jaghlaq xahar**;

Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta sintetikament li t-taxxa in dizamina kienet rilaxxata mir-registratur de quo fis-7 ta' Settembru, 2005, waqt li r-rikors guramentat promotur ta' din il-vertenza gie ntavolat fit-12 t'Ottubru, 2005;

Illi ghalhekk, ir-rekwizit indikat fl-artikolu 64 tal-Kap 12 fuq riferit, ma giex osservat u konsegwentement, din il-procedura tippekka anke f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti nomine pprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement filwaqt li takkolji t-talbiet tal-intimati, tirrespingi t-talbiet <u>kollha</u> tar-rikorrenti nomine David Jones bhala Managing Director u in rapprezentanza tas-socjeta` Valfracht Shipping Company Limited, bl-ispejjez bl-eccezzjoni ta' dawk tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali li in

vista tat-tardivita` fuq riskontrata, l-ispejjez relattivi ghalih jibqghu a karigu tieghu.

_______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------